MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 565/1994/1

**Christian Paris**

**v.**

**John Cachia; u b'digriet ta' l-20 ta' Gunju 1995 Fabio Grima gie kjamat fil-kawza**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-27 ta' April 1994 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fil-5 ta' Dicembru 1993 fi triq maghrufa bhala The Strand, Sliema, ghall-habta tat-8.00 ta' filghaxija l-attur safa involut f'incident awtomobilistiku meta l-konvenut hareg mill-post fejn kien ipparkjat minghajr ma hares, b'negligenza, traskuragni, imperizja u b'nuqqas ta' osservazzjonijiet tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi f'dan l-incident il-vettura tal-marka Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni W-0738 proprjeta` tal-attur garrbet hsarat kbar meta sfat investita mill-vettura tal-marka Van Rover bin-numru ta' registrazzjoni W-1391 proprjeta` u misjuqa mill-konvenut (Dok. A u B);

Illi ghalkemm interpellat ghall-hlas ta' dawn id-danni l-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur in linea ta' Danni l-ammont hawn fuq likwidat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma garax tort tieghu u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salve eccezzjoni ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Gunju 1994 li permezz tieghu giet nominata Dott. Deborah Farrugia bhala perit legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet ta' l-20 ta' Gunju 1995 li permezz tieghu, fuq rikors ta' l-attur, gie kjamat in kawza Fabio Grima;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Fabio Grima fejn qal:

1. Illi l-incident awtomobilistiku tal-5 ta' Dicembru 1993 sehh bejn l-attur Christian Paris u l-konvenut l-iehor John Cachia.

2. Illi d-danni sofferti mill-karrozzi tal-attur Christian Paris u tal-konvenut John Cachia huma kagun biss ta' l-imsemmi incident bejn dawn iz-zewg karrozzi.

3. Illi l-konvenut Fabio Grima m'ghandu l-ebda responabilita` ghall-incident imsemmi kif ukoll ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur u mill-konvenut John Cachia.

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda tal-kjamat fil-kawza;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali debitament mahlufa fit-22 ta' Gunju 2000;

Rat il-verbali kollha tax-xiehda, id-dokumenti esibiti u l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' kritika u ta' osservazzjonijiet ta' l-attur;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li gara f'The Strand, Sliema u fih kienu involuti tliet vetturi lkoll sejrin fid-direzzjoni tal-Gzira.

L-attur isostni illi l-incident gara tort tal-konvenut li qala' minn pozizzjoni pparkjata minghajr ma hares u minghajr indicators u sakkarlu t-triq b'hekk li, ghalkemm applika l-brakes, xorta baqa' diehel fil-van misjuqa mill-konvenut. Hekk kif kien wieqaf imbaghad dahlet vettura ohra fuq

wara tieghu misjuqa mill-kjamat fil-kawza. Din il-verzjoni hi korroborata minn Mariella Micallef, l-gharusa ta' l-attur.

Il-kjamat fil-kawza jikkonferma illi hu dahal fil-vettura ta' l-attur li kienet wieqfa mas-centre strip.

Il-konvenut jghid illi kien ghaddej qisu f'nofs it-triq fuq top gear ghax kien diga` mexa mijiet ta' jardi meta sema' habta u fi ftit sekondi qala' daqqa hu. Tikkorroborah martu Mary Cachia.

Il-perit legali kkonkludiet li l-konvenut ma kellu l-ebda htija ghall-incident, u dan wara li qieset is-segwenti:

"3.1.1 Mix-xhieda prodotta, mill-hsarat rizultanti fil-vetturi, mill-iskizz u l-okkorrenza jirrizulta car illi kemm l-attur, Chrstian Paris (is-sewwieq tal-vettura W-0738) kif ukoll il-kjamat in kwaza Fabio Grima (is-sewwieq tal-vettura U-0531) kienu jsuqu b'mod imprudenti minhabba speed eccessiv u nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Dan l-ispeed eccessiv gie ammess mis-sewwieqa stess.

L-attur xehed:

'… Mistoqsi jekk naqbilx illi l-vettura tieghi halliet 21 metru brake marks, nghid li naqbel.'

'Kont qieghed insuq speed normali. Normali huwa 25 kilometres per hour – 30 kilometres …. Mistoqsi jekk stajtx kont ghaddej b'64 kilometres per hour nghid, mela ma stajtx kont ghaddej b'dak l-ispeed.'

Fabio Grima xehed:

'… [Bhala speed kont ghaddej] xi 35 miles per hour ….'

'Meta hrigt mill-vettura kien hemm brakemarks tieghi u ta' Christian Paris. Ta' Christian Paris kienu hafna itwal minn tieghi ….'

The Strand, Sliema, hija zona mibnija u l-ispeed massimu regolamentari huwa ta' 50 k.f.s. Il-brakemarks indikati fl-

iskizz tal-vettura W-0738 kienu ta’ tul ta’ 21 metru li jindikaw speed ta’ madwar 65 k.f.s., filwaqt illi l-brakemarks tal-vettura U-0531 kienu ta’ tul ta’ 14 metru li jindikaw speed ta’ madwar 48 k.f.s. Din il-velocita` trid tigi kkunsidrata fl-ambitu tal-fatt illi dak il-hin it-triq kienet imxarrba bl-irxiex tax-xita, u ukoll illi fit-triq, xi hamsin metru ‘l boghod mill-attur, kien hemm traffiku iehor. Wiehed ma jistax jitqies prudenti meta ssuq f’dawn il-kundizzjonijiet.

Filwaqt, fir-rigward ghas-sewqan tal-konvenut John Cachia, jirrizulta mix-xiehda tieghu stess u ta’ martu, li hija ikkorroborata mill-iskizz u l-okkorrenza, mill-fatt kif spiccaw il-vetturi wara l-habta, illi l-vettura W-1391 kienet harget mill-parking u mxiet bicca qabel ma gara l-incident. Il-vettura W-1391 giet indikata bhala dritta fl-iskizz u mhux angolata kif jghid l-attur. Inoltre d-danni sofferti fil-vetturi ukoll jikkorroboraw mal-verzjoni tal-konvenut John Cachia.

Fil-fehma umli tal-esponenti r-responsabilita` tal-incident ghandha tigi attribwita lill-attur u lill-konvenut Fabio Grima li kienu qeghdin isuqu b’mod imprudenti. L-attur meta ra lill-konvenut John Cachia ‘kemm kemm fin-nofs tal-karreggata u dana ghaliex kien hemm vetturi ipparkjati fuq in-naha tal-bankina u l-van kien kbir’, ipprova jieqaf, imma minhabba l-velocita` u l-kundizzjoni tat-triq ma rnexxilux jieqaf fil-pront. Meta l-konvenut Fabio Grima ra lill-attur jibbrejkja, dan ghamel l-istess izda ukoll ma rnexxilux jieqaf fil-hin. Infatti z-zewg incidenti sehhew ftit sekondi minn xulxin ghaliex waqt illi l-attur kien sejjer jahbat gol-vettura tal-konvenut John Cachia, il-konvenut Fabio Grima habat fil-vettura tal-attur.

Fil-fehma umli tal-esponenti, l-attur huwa responsabbli ghall-incident illi sehh bejn il-vettura W-0738 (proprjeta` tal-istes attur) u l-vettura W-1391 (proprjeta` tal-konvenut John Cachia). Il-konvenut Fabio Grima ghandu jinsab responsabbli ghad-danni kkagunati fuq wara tal-vettura tal-attur.”

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha prodotti, ikollha tghid li ma taqbilx *in toto* mal-konkluzjoni raggunta mill-

perit legali, u dan in kwantu jirrigwarda l-konvenut. Jidher illi l-perit legali tat kredibilita` lill-verzjoni tal-konvenut izda din il-Qorti ma tistax tqis tali verzjoni wisq verosimili.

L-ewwelnett din il-Qorti trid tissenjala xi inkonsistenzi fil-verzjoni tal-konvenut: Jirrizulta mix-xiehda ta' P.S. 423 Nazzareno Grixti li meta mar jinvestiga l-kollizjoni in kwistjoni, il-konvenut qallu li kien ipparkjat u kif hareg minn postu kien wasal fil-lane tieghu, cioe` fil-lane ta' barra, giet vettura ohra minn wara W-0738 fejn laqtu fuq il-mudguard ta' wara tal-lemin. Fil-fatt fl-okkorrenza relattiva – li allura fih ghandna nsibu riprodott dak li jkun qal lill-Pulizija *a tempo vergine* – insibu specifikatament miktub illi dak li qal il-konvenut kien illi huwa "kien ipparkjat go l-istess triq, hareg minn postu u hekk kif kien gie f'postu f'daqqa wahda giet fuqu minn wara vettura ohra b'numru W-0738 fejn laqtitu fuq il-mudguard ta' wara tal-lemin." L-ewwel darba li jghid illi sema' hoss ta' brake u hoss ta' daqqa bejn zewg vetturi mbaghad daqqa fuqu kien fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, imbaghad jirrepetiha meta xehed quddiem il-perit legali. Fl-imsemmija dikjarazzjoni pero` jghid li kien qieghed isuq fuq il-lane ta' gewwa u li spicca fuq il-lane ta' barra ghax bid-daqqa l-karrozza tieghu kompliet timxi 'l quddiem. Meta xehed quddiem il-perit legali qal li kien ghaddej qisu f'nofs it-triq. Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu ma jghid xejn dwar li kien ipparkjat x'imkien izda biss li kien ghaddej bi speed moderat hafna f'The Strand, Sliema. Meta xehed qal li kien wieqaf 'il boghod hafna mis-Sliema Radio Store u kien beda u lehaq mexa "mijiet ta' jardi fid-dritt", li tant kien boghod minn fejn grat il-habta illi gja` kien fuq it-top gear u qieghed isuq normali. In kontro-ezami mbaghad qal illi kien ilu jsuq xi ghaxar minuti qabel ma grat il-habta. Martu, Mary Cachia, filwaqt illi tinnega illi l-incident gara kif hargu mill-parking, tikkontradici lil zewgha meta tghid illi kienu pparkjati xi zewg arbli tad-dawl boghod mill-post ta' l-incident dejn telephone box faccata ta' l-Isquare Deal u li l-incident gara probabbilment meta kienu waslu vicin il-Captain Morgan.

Issa, jekk verament il-konvenut kien qieghed f'postu fit-triq meta grat il-habta, kif jista' jispjega n-natura tad-daqqa fuq

il-van tieghu kif evidenzjata mir-ritratt Dok. DB1? Fil-fehma tal-Qorti, din id-daqqa setghet grat biss jekk il-konvenut kien jinsab f'pozizzjoni angolata. Hija inverosimili l-kontensjoni tal-konvenut illi huwa qala' d-daqqa wara l-habta bejn il-vetturi ta' l-attur u tal-kjamat fil-kawza. Kif jista' jispjega l-brake-marks ta' l-attur? Fil-fehma ta' din il-Qorti l-attur applika l-brake ghax innota quddiemu vettura – il-van misjuq mill-konvenut – li kienet qed tostakolalu t-triq. Il-konvenut jghid illi waqt li kien ghaddej kien hemm vetturi ghaddejjin bejnu u s-centre strip. Kif jista' jispjega li l-attur ma setax jghaddi wkoll? Ovvjament ghax huwa kien qieghed jostakola t-triq u dan seta' gara biss minhabba l-manuvra li ghamel il-konvenut li hareg minn parking minghajr ma osserva r-regoli bazici biex iwettaq tali manuvra bla hsara ghal vetturi ohra fit-triq.

Ir-regola numru 53 tal-Highway Code fil-fatt jirrakkommanda:

**"Before you move off, look round, even though you may have looked in your mirror, to see that no one is about to overtake you. Give proper signal with flashing indicators before moving out, and only move off when you can do so safely and without inconvenience to other road users. Give way to passing and overtaking vehicles."**

M'hemmx dubju illi kieku l-konvenut esplora sew it-triq warajh, kien josserva l-vetturi li kienu gejjin minhabba li t-triq hija dritta u minhabba li, ghalkemm kien bil-lejl, ma saret l-ebda allegazzjoni li dawn ma kellhomx dwal mixghulin. Certament il-fatt li wiehed jixghel indicator mhuwiex wadu sufficjenti biex jezimi ruhu mir-responsabbilta` jekk ma jkunx ukoll esplora sew it-triq.

Il-konvenut pero` jipprova jaghmel kapital mill-ispeed, b'mod partikolari, ta' l-attur. Huwa minnu illi l-bnrake-marks li halla l-attur kienu ta' 21 metru u li allura huma indikattivi ta' speed in eccess ta' dak regolamentari. Mill-banda l-ohra ma jistax jinghad illi b'daqshekk l-attur kien ghaddej bi speed "sfrenat". Kif gie ritenut diversi drabi mill-

Qrati taghna, **"il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karrozza b'velocita` eccedenti l-ispeed massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawza determinant ital-kollizjoni, huwa m'ghandux jinsab responsabbli lanqas fi grad ta' kontributorjeta`, purche` l-ispeed tieghu ma jkunx dak li jista' jissejjah 'sfrenat'"** (ara f'dan is-sens **Hugh P. Zammit noe vs George Baldacchino**, Prim'Awla, 17 ta' Gunju 1996 u sentenzi ohra hemm citati).

Fil-kaz odjern, il-kawza determinanti ta' l-incident in kwistjoni ma kienx l-ispeed ta' l-attur li kien ghaddej dritt fuq l-outer lane, izda l-manuvra nkonsulta tal-konvenut li esplorax sew it-triq qabel ma hareg mill-parking, u li meta hareg ma darx ghal fuq il-lane ta' gewwa izda gibed ghal-lane ta' barra biex b'hekk holoq ostakolu ghat-traffiku li kien gej. Ghalhekk ghad-danni li sofra l-attur fil-vettura tieghu fuq quddiem huwa responsabbli l-konvenut.

Kwantu ghad-danni li l-attur garrab fuq il-vettura tieghu fuq in-naha ta' wara, din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni peritali li ta' dawn huwa responsabbli l-kjamat fil-kawza li ma kienx ghaddej b'dik il-prudenza mehtiega li setghet tippermettilu jieqaf tempestivament.

Din il-Qorti sejra issa tghaddi ghal-likwidazzjoni tad-danni. L-attur esebixxa prospett permezz ta' nota pprezentata fil-31 ta' Ottubru 2000. Din il-Qorti ezaminat l-imsemmi prospett u d-dokumenti esibiti u hija tal-fehma illi l-ispejjez inkorsi jirrispekkjaw id-danni sofferti mill-attur fl-imsemmi incident u inoltre tqis ir-ripartizzjoni bhala wahda gusta, b'dan illi l-ispiza tat-towing ghandha tigi apporzjonata wkoll. Ghalhekk id-danni jridu jithallsu kif ser jinghad:

| | |
|---|---|
| Il-konvenut : | Lm768.19 + Lm22.50 = Lm790.69 |
| Il-kjamat fil-kawza: | Lm253.42 + Lm7.50 = Lm260.92 |

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawza, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) Tiddikjara kemm lill-konvenut kif ukoll il-kjamat fil-kawza responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali kif spjegat;

(2) Tillikwida d-danni fl-ammont ta’ elf u wiehed u hamsin liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm1051.61); u

(3) Tikkundanna lill-konvenut John Cachia jhallas lill-attur is-somma ta’ seba’ mija u disghin liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm790.69) u tikkundanna lill-kjamat fil-kawza Fabio Grima jhallas lill-attur is-somma ta’ mitejn u sittin liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm260.92).

Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal tliet kwarti mill-konvenut u kwart mill-kjamat fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------